**L-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Ryan Callus jipproponu:**

Illi l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jinsab għaddej bl-eżami tar-Rapport tal-Awditur Ġenerali intitolat "*An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd. by Enemalta Corporation*";

Illi l-Onor. Konrad Mizzi ġie msejjaħ sabiex jidher u jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi waqt laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021 (Laqgħa Nru 92);

Illi permezz ta' email bid-data ta' nhar is-6 ta' Ottubru 2021, l-Onor. Konrad Mizzi nforma lill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li huwa ma kienx ser jattendi u jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi filwaqt li rrefera għal dak li jipprovdu l-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta* ta' Ottubru 2011;

Illi waqt il-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021, il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi ddeċieda li jitlob lill-Onor. Konrad Mizzi jattendi biex jixhed quddiemu waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi;

Illi dakinhar stess tas-6 ta' Ottubru 2021, iċ-*Chairman* tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Beppe Fenech Adami, nforma lill-Kamra bir-rifjut tal-Onor. Konrad Mizzi li jidher u jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi;

Illi permezz ta' email bid-data ta' nhar it-13 ta' Ottubru 2021, l-Onor. Konrad Mizzi mill-ġdid nforma lill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li huwa ma kienx ser jattendi u jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi;

Illi filwaqt li l-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta* ta' Ottubru 2011 jipprovdu li Membru Parlamentari jista' jirrifjuta li jidher biex jagħti x-xhieda tiegħu quddiem Kumitat tal-Kamra, l-istess dokument jagħmel referenza għall-Erskine May Parliamentary Practice li f'paġni 759 u 760 tal-Edizzjoni Nru 24 jagħmilha ċara li l-Kamra tista' tordna Membru tal-Kamra jidher u jagħti x-xhieda tiegħu quddiem Kumitat tal-Kamra;

Illi huwa fl-interess pubbliku li Membru Parlamentari jidher u jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi u dan jgħodd aktar u aktar meta x-xhieda hija meħtieġa minn Membru Parlamentari li serva bħala l-Ministru li taħt ir-responsabbilità tiegħu twettaq proġett infrastrutturali kbir fil-qasam tal-enerġija u li dwaru pajjiżna ntrabat li jħallas mijiet ta' miljuni ta' Ewro għal perijodu ta' 18-il sena;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li tordna lill-Onor. Konrad Mizzi minnufih jidher u jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

**L-Onor. Karol Aquilina** **L-Onor. Beppe Fenech Adami** **L-Onor. Ryan Callus**

19 ta' Ottubru 2021